**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' Marzu 2021**

**Rikors nru: 56/2021 AGV ;**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta'AB datat 9 ta' Frar 2021, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fit- 28 ta' Mejju 1988 (ara Dok A anness) u minn daz-zwieg twieldu erbat itfal , D, E, F li llum huma maggorenni , u G li llum ghandha tlettax-il sena.

2. Illi l-partijiet gew debitament awtoizzati jghaddu ghall- kuntratt ta' separazzjoni ( ara Dok B anness) in forza tad-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili ( Prim' Awla) datat 16 ta' April 2013;
3. Illi il-parijiet ilhom aktar minn erba' snin de jure separati;
4. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom mis-sena 2013 ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-nutar Dr. Sharon Faith Farrugia, datat 1 ta' Lulju 2013 (Dok. B), senjatament klawzola 4, il-partijiet iddekadew definittivament mid-dritt li jesigu mateniment minghand xulxin. Il-manteniment ghal-ulied ai termini ta' klawzola 3 dejjem thallas u ghalhekk ma hemm ebda arretrati ta' manteniment;
6. Illi r-rikorrenti tixtieq illi tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' H;

Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk l-esponent umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronuznja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' H;
3. **Tordna** lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttr tar-registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

Rat illi seduta stante, l-intimat iddikjara illi m'ghandux oggezzjoni ghad-divorzju.

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Il-Qorti tilqa’ it-tieni talba tar-rikorrenti li tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe’ H;

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**